**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 137/2018 RM**

**John Muscat**

**-vs-**

**Karl Frederick Micallef u martu Christine Micallef**

**Illum, 13 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti mill-attur John Muscat nhar is-16 ta' Jannar 2018, fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma li ma teccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti u dan kwantu ghal €9,917.03 rapprezentanti bilanc ta' somma akbar ta' *engineering consultancy services* prestati minnu f'Villa fi Triq il-Hzejjen, Bidnija, limiti tal-Mosta, u kwantu ghal somma ohra sabiex tigi llikwidata minn din il-Qorti skond il-ligi rapprezentanti telf soffert mill-istess attur talli l-konvenuti itterminaw l-appalt lilu moghti.

Bl-ispejjez, u bl-interessi kemm fuq l-ammont ta' disat elef, disa' mija u sbatax–il ewro u tlett centezmi (€9,917.03) fuq imsemmi, kif ukoll fuq l-

ammont li ghandu jigi likwidat minn din il-Qorti, mid-data tal-prezentata tar-Rikors sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li giet ipprezentata fit-3 ta' Lulju 2018[1] fejn ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:-

1. '*Illi preliminarjament, u ghal kull buon fini ghandu jigi pprecizat illi l-ingaggjar tas-servizzi tar-rikorrent qatt ma sar mill-intimata Christine Micallef, li ma ghandha ebda rabta kuntrattwali mar-rikorrent u mhix il-legittimu kontradittur. Ghalhekk hija ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju stante wkoll li l-obb1igi kuntrattwali in kwistjoni ma jinkombux fuq il-komunjoni tal-akkwisti;*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:*

   *(i) Illi l-intimat Karl Frederick Micallef kien ingagga lir-rikorrent lng. John Muscat bhala inginjier fuq progett li jinvolvi l-installazzjoni ta' servizzi mekkanici u elettrici f'villa fi Triq il-Hzejjen, Bidnija, limiti tal-Mosta;*

   *(ii) Illi waqt li l-intimat Karl Frederick Micallef kien qieghed jintroduci lir-rikorrent ghall-progett, ir-rikorrent indika li bhala mizati professjonali huwa jitlob hlas fil-forma ta' lump sum ghal kull bicca xoghol imwettqa. Huwa pprovda wkoll indikazzjoni generali tal-ispejjez kollha involuti izda f'ebda punt ma ghamel ebda referenza ghal xi mizata jew spiza addizjonali li tista' tigi inkorsa ghal kull siegha xoghol. Waqt il-laqgha ta' introduzzjoni saret dejjem referenza biss ghal lump sums bhala komputazzjoni ta' mizati professjonali;*

[1] Fol. 7 - 10

*(iii) Illi nhar it-12 ta' Novembru 2016 gie milhuq ftehim mar-rikorrent li kien jinkludi l-hlas ta' lump sums li jkunu dovuti ghas-servizzi tieghu fuq numru ta' xoghlijiet relatati mal-progett (vide l-ftehim relattiv hawn annessa u mmarkata Dokument A). Gara izda illi precizament qabel l-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni, l-intimat Karl Frederick Micallef innota li r-rikorrent inkluda l-paragrafu penultimu tal-istess ftehim li jghid "All quoted rates and prices are applicable for work carried out during 2016, and subject to revision thereafter. The hourly rate applicable during 2017 shall be €51.06 + VAT". Immedjatament, l-intimat Karl Frederick Micallef oggezzjona ghall-inkluzjoni ta' tali paragrafu, izda r-rikorrent assikurah illi, galadarba l-parametri tal-progett huma cari u l-progett kien ippjanat fi stadju avvanzat, ir-rata tas-sighat mhix ser tapplika u li din il-klawzola kienet qed tigi inkluza minnu fil-ftehim biss biex tkoprih fl-eventwalita ta' tibdil magguri fil-progett, cioe` li tkun tista' tigi applikata biss f'kazijiet estremi li x'aktarx ma kienux ser jissussistu galadarba l-pjanijiet kienu diga mfassla sew. Rassikurat mill-ispjegazzjoni tieghu, l-intimat Karl Frederick Micallef iffirma u pproceda bil-hlas ta' €2,410.10 bhala depozitu ghas-servizzi kollha kuntrattati, li abbazi tal-istess ftehim u tal-fattura datata t-12 ta' Novembru, 2016 (vide l-fattura hawn annessa u mmmarkata Dokument B), kien ammont li kellu jkopri tletin fil-mija (30) tal-ispejjez kollha prevvisti;*

*(iv) Illi ebda tibdil materjali ma qatt sar ghall-pjanijiet originali li kienu ntbaghtu mill-intimat Karl Frederick Micallef lir-rikorrent fil-bidunett tal-ingaggjar tieghu, li kien effettiv minn Novembru 2016 'il quddiem;*

*(v) Illi f'Dicembru tal-2017, l-intimat Karl Frederick Micallef ircieva fattura minghand ir-rikorrent b'referenza ghal mizati ikkalkulati abbazi ta' rata ta' sighat mahdumin, u mhux abbazi tax-xoghol imwettaq (vide l-fattura hawn annessa u mmarkata Dokument C). Din il-fattura datata 9 ta' Dicembru 2017 kienet qed titlob somma ta' €9,173.21;*

*(vi) Illi wara ftit, l-intimat Karl Frederick Micallef ircieva fattura ohra minghand ir-rikorrent datata 29 ta' Dicembru 2017 fejn ir-rikorrent kien qed jitlob is-somma ta' €2,295.34 ghas-Sewage & Rainwater Drainage package li kienet l-unika parti mill-progett miftiehem li giet difatti kompletata mir-rikorrent (vide l-fattura hawn annessa u mmarkata Dokument D). Vide wkoll statements of account datati 29 ta' Dicembru 2017, 6 ta' Frar 2018 u 28 ta' Frar 2018 li gew mibghuta lill-intimat Karl Frederick Micallef annessi u mmarkati Dokument E, Dokument F u Dokument G rispettivament;*

*(vii) Illi b'hekk l-ammont mahdum abbazi tar-rata ta' sighat mahdumin (€9,173.21) kien bic-car hafna oghla mill-ammont mitlub ghall-unika parti mill-progett li infatti giet imwettqa. Dan il-fatt kien aktar u aktar sorprendenti meta wiehed iqis illi l-intimat Karl Frederick Micallef qatt ma nghata ebda indikazzjoni li ser jigi mitlub ihallas mizata addizjonali abbazi ta ' kull siegha mahduma. Bil-maqlub anzi, ir-rikorrent kien assigurah li tali rata mhix ser tkun applikabbli. Kien biss permezz tal-fattura datata 9 ta' Dicembru tal-2017 li l-intimat Karl Frederick Micallef sar jaf ghall-ewwel darba li l-mizata abbazi tas-sighat kienet qed tigi applikata mir-rikorrent;*

*(viii) Illi l-intimat Karl Frederick Micallef immedjatament cempel lir-rikorrent u ffissa laqgha fejn qajjem il-kwistjoni mal-istess rikorrent. Fil-laqgha, ir-rikorrent spjega li kien hareg il-fattura ghal €9,173.21 abbazi tal-ahhar linji mnizzla fil-ftehim li kienu ffirmaw. L-intimat fakkru li kien huwa stess - jigifieri r-rikorrent - li kien spjega li r-rata tas-sighat mhix ser tkun qed tapplika ghall-progett in kwistjoni galadarba l-pjanijiet tal-progett kienu fi stadju avvanzat. Fid-dawl ta' dan l-intimat Karl Frederick Micallef insista li ma jistax jaccetta l-applikazzjoni ta' din il-mizata partikolari;*

*(ix) Illi huwa ta' riljev illi l-frazi "lump sum" kif uzata fil-ftehim ta' bejn il-partijiet tindika b'mod car li l-iskema ta' mizati/hlasijiet kienet qed tinkludi kull xoghol ancillarju ghax-xoghlijiet specifici li kellhom isiru.*

*B'hekk, l-applikazzjoni ta' rata ta' sighat hija zejda u tinvolvi pretensjoni ta' hlas doppju ghall-istess xoghol;*

*(x) Illi, di piu, apparti l-fatt li s-somma mitluba ghas-sighat allegatament mahduma hija ezorbitanti u mhux ragjonevoli, l-ammont mhuwiex korroborat minn deskrizzjoni cara tax-xoghol li allegatament kien qieghed isir;*

*(xi) Illi, fl-ahhar mill-ahhar kien ir-rikorrent stess li unilateralment iddecieda li jittermina l-ingaggjament tieghu mal-intimat Karl Frederick Micallef;*

*(xii) Illi fid-dawl ta' dan kollu jidher bic-car li r-rikorrent ittanta jitlob, apparti dak dovut lilu ghax-xoghlijiet specifici kompjuti ai termini tal-ftehim, somma kbira ta' flus ulterjuri abbazi ta' rata kkalkolata bis-sighat meta kien huwa stess li ggarantixxa lill-intimat Karl Frederick Micallef illi tali rata mhix ser tapplika ghal dan il-progett. Inoltre, huwa wkoll ingust li r-rikorrent jippretendi hlas ghall-ammont ezorbitanti mitlub ghal sighat fuq xoghlijiet ancillari allegatament imwettqa li, pero`, jidhru mhux ragjonevoli u ma jistghux jigu verifikati. Li kieku l-intimat Karl Frederick Micallef kien jaf li r-rikorrent sejjer japplika l-komputazzjoni ta' mizati abbazi tas-sighat anki jekk ma sar ebda tibdil magguri fix-xoghlijiet, u li kieku kien jaf li r-rikorrent mhux ser jillimita ruhu ghal mizati kkalkolati abbazi ta' lump sums, ma kienx jingaggjah mill-ewwel.(xiii) Illi l-ammont imhallas bhala depozitu ghax-xoghlijiet ippjanati, jigifieri l-ammont ta' €2,410.10, huwa oghla mill-ammont pretiz ghall-unika parti tal-progett imwettqa, jigifieri €2,295.34. Ghalhekk tigi li r-rikorrent ghandu jirrifondi parti mill-ammont imhallas lilu lill-intimat Karl Frederick Micallef;*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;*

*In vista tas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u bl-imghax kontra r-rikorrent li huwa ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O il-Prim'Imhallef b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijietipprezentata mill-attur fid-29 ta' Jannar 2020[2];

Rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva pprezentata mill-konvenuti fis-6 ta' Mejju 2020;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

**Xhieda**

Il-Qorti fliet it-testimonjanza tax-xiehda li tressqu f'din il-kawza.

L-attur John Muscat xehed permezz ta' Affidavit ipprezentat fit-2 ta' Ottubru 2018, kif ukoll xehed in kontro-ezami fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018 u tat-12 ta' Dicembru 2018. Huwa ressaq ukoll bhala xiehda lil Renato sive Rennie Galea[3], Mario Galea[4], Joseph Tanti[5] Emmanuel Tanti[6] u Carmelo sive Charles Bianco[7], li whud minnhom xehdu in kontro-ezami fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2018.

[2] Fol. 231 *et seq*.
[3] Affidavit a fol. 121, 122.
[4] Affidavit a fol. 123, 124.
[5] Affidavit a fol. 125.
[6] Affidavit a fol. 127.
[7] Affidavit a fol. 126.

Il-konvenut Karl Frederick Micallef xehed permezz ta' Affidavit pprezentat fit-12 ta' Dicembru 2018 u xehed ukoll in kontro-ezami fl-udjenzi tat-28 ta' Marzu 2019, 9 ta' Mejju 2019 u 4 ta' Lulju 2019.

**L-Eccezzjoni tal-Legittimu Kontradittur**

Il-konvenuti permezz tal-ewwel eccezzjoni preliminari fir-Risposta taghhom[8], jikkontendu illi l-konvenuta Christine Micallef qatt ma ngaggat lill-attur u konsegwentement, ma ghandha l-ebda rabta kuntrattwali mieghu. Izidu jghidu wkoll li l-obbligi kuntrattwali naxxenti mill-ftehim konkluz mal-attur ma jorbtux lill-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tibda biex taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**[9] deciza fil-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell fejn gie ritenut illi:-

"*Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha.* "

Fis-sentenza fl-ismijiet **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited** deciza fid-9 ta' April 2008 mill-Qorti tal-Appell inghad hekk:-

"*In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija*

[8] Fol. 7.
[9] Cit. Nru. 1365/92AJM

*jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika."*[10]

Applikat dan l-insenjament ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ghad-determinazzjoni dwar in-nuqqas o meno ta' legitimazzjoni passiva tal-konvenuta Christine Micallef sabiex toqghod in gudizzju, jehtieg li jigi stabbilit l-ezistenza o meno ta' rapport guridiku li in bazi tieghu l-attur seta' jippromwovi l-azzjoni odjerna fil-konfront tal-istess konvenuta.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-konvenuta giet imharrka f'din l-azzjoni bhala "*mart*" il-konvenut Karl Frederick Micallef u qatt ma gie kontestat illi effettivament il-konvenuti huma mizzewgin. Stabbilit dan, il-Qorti tosserva li skond il-ligi Maltija hemm prezunzjoni tal-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn zewg persuni mizzewgin Malta. Issa fil-kaz in ezami kien jispetta lill-konvenuti, jekk hekk kien jidhrilhom, li jippruvaw li din il-presunzjoni ma tapplikax fil-konfront taghhom jew li huma b'xi mod kienu warrbu jew eskludew tali regim. Izda dan qatt ma sar, u l-Qorti sejra ghalhekk tqis illi bejn iz-zewg konvenuti kien hemm ezistenti, anke fiz-zmien tal-ftehim konkluz mal-attur, ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti.

Wara kollox, kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Av. Michael Psaila noe vs Joseph Pace et**[11], deciza fit-3 ta' Ottubru 2008:-

---

[10] Ara wkoll sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**, fejn inghad li *"b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha."*

[11] Prim Awla tal-Qorti Civili Cit. Nru. 1236/07.

*"Min jeċċepixxi li hu mhux il-leġittimu kontradittur jeħtieġ illi jipprova li hu ma kienx il-persuna li kellu jirrispondi għat-talba proposta bl-istanza għaliex hu ma kienx daħal f'ebda rapport mar-rikorrent noe jew li m'għadx għandu tali rapport."*

Dan stabbilit, il-Qorti tosserva li l-ezistenza tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuti jfisser ukoll, necessarjament, illi atti tal-amministrazzjoni ordinarja tal-komunjoni tal-akkwisti, anke jekk maghmulin minn wiehed biss mill-konjugi minghajr il-partecipazzjoni tal-konjugi l-iehor, jorbtu lill-komunjoni tal-akkwisti. Imbaghad, kwantu ghal atti ta' amministrazzjoni straordinarja, jekk dawn ikunu maghmulin minn konjugi wiehed biss minghajr il-partecipazzjoni jew kunsens tal-parti l-ohra, dawn ukoll jibqghu jorbtu lill-komunjoni purche` l-att ma jkunx gie annullat mill-parti li ma tkunx dahlet ghall-obbligazzjoni skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

Fil-kaz odjern, ghall-Qorti huwa ovvju li l-ftehim konkluz mal-attur li bih gie ingaggat jaghti servizzi professjonali ta' konsulenza lill-konvenut Karl Frederick Micallef li huwa kompartecipi f'komunjoni tal-akkwisti flimkien mal-konjugi tieghu, huwa att ta' amministrazzjoni ordinarja anke ghaliex evidentement, dan l-att ma jinkwadra fl-ebda wahda mid-dispozizzjonijiet kategorici tal-Artikolu 1322(3) li jelenka b'mod kategoriku l-atti ta' amministrazzjoni tal-akkwisti li jehtiegu l-kunsens taz-zewg konjugi flimkien. Izda anke jekk fl-ahjar ipotesi ghall-konvenuti l-att in dizamina kellu jitqies bhala att ta' amministrazzjoni straordinarja tal-akkwisti, ma tressqet l-ebda prova illi l-konvenut Christine Micllef cahdet il-kunsens taghha ghall-ingaggar tal-attur bhala konsulent inginier, u wisq anqas intwera illi hija pprocediet skont l-Artikolu 1326.

Madanakollu, il-konvenuti, meta fl-ewwel eccezzjoni taghhom jikkontendu illi l-obbligi kuntrattwali assunti favur l-attur ma jorbtux lill-komunjoni tal-

akkwisti, jaghmlu referenza specifika ghall-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili[12]. Il-Qorti fehmet illi b'din ir-referenza l-konvenuti qeghdin isostnu illi l-ingaggar tal-attur kien att marbut mal-gestjoni ta' xi negozju jew kummerc li jezercita l-konvenut Karl Micallef wahdu u l-obbligazzjoni hekk mahluqa ma torbotx lill-komunjoni tal-akkwisti.

Jibda biex jinghad illi sabiex japplika l-Artikolu 1324 tal-Kap. 16 irid ikun hemm il-prova li l-ġestjoni ta' kummerċ u negozju:- *".... ikunu vestiti biss f'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni...*". Izda l-konvenuti naqsu milli juru kif l-obbligazzjoni in kwistjoni ghandha titqis bhala att ta' gestjoni ta' kummerc jew negozju, minflok bhala att normali tal-ammistrazzjoni tal-akkwisti u naqsu wkoll milli juru kif il-ftehim *de quo*, li jikkoncerna direttament il-villa gewwa l-Bidnija, huwa marbut ma' dan in-negozju jew kummerc. Mhux talli hekk, talli mill-provi l-Qorti fehmet illi l-villa li l-attur gie ingaggat jaghti s-servizzi professjonali tieghu, jappartjeni lill-konjugi konvenuti Micallef u din kienet qieghda tinbena bhala r-residenza taghhom. Dan qalha l-konvenut Karl Micallef innifsu fl-Affidavit tieghu: "... *jiena ddecidejt li nibni r-residenza tieghi fil-Bidnija ...*"

Huwa minnu li, kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawża **Maria Stella Farrugia vs HSBC Bank Malta plc et**:-

"… *ir-raġel u l-mara mhux esklużi milli jidħlu f'negozju u jintrabtu personalment, għax huma żammew il-personalita` ġuridika tagħhom indipendenti minn dik il- komunjoni. Kwindi ma jistax jiġi eskluż li kull konsorti li aġixxa f'ismu jkun qed jorbot biss lilu nnifsu. Infatti, l-Artikolu 1328 jiddistingwi bejn djun parafernali u dawk tal- komunjoni u jgħid li ceteris paribus il-kredituri ta' l-aħħar jiġu qabel dawk ta' l-ewwel, imma djun*

[12] **1324.** Atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni li jkunu qed jigu eżerċitati minn parti waħda biss millmiżżewġin, ikunu vestiti biss f 'dik il-parti li fil-fatt tkun qed teżerċita dak il-kummerċ, negozju jew professjoni anke fejn dawk l-atti kieku ma kenux magħmula in relazzjoni ma' dik is-sengħa, negozju jew professjoni kienu jikkostitwixxu amministrazzjoni straordinarja.

*parafernali, maħluqa mill-konsorti li jaġixxi waħdu, jistgħu jinħolqu anke wara ż-żwieġ (ara Artikolu 1329) u huma validi*".[13]

Izda, fil-kaz in dizamina, galadarba ma giex allegat u ma jirrizultax lanqas illi l-fond in kwistjoni hija l-proprjeta` parafernali tal-konvenut Karl Micallef wahdu, jew li dan jappartjeni lil terzi jew li dan jifforma parti minn xi negozju tal-konvenut, il-Qorti sejra tistrieh fuq il-presunzjoni favur l-akkwisti mahluqa mill-Artikolu 1321 tal-Kodici Civili[14] u tqis illi meta l-konvenut Karl Micallef ingagga lill-attur biex jaghti servizzi ta' konsulenza dwar il-kostruzzjoni tal-fond gewwa l-Bidnija, huwa ghamel dan bhala att ordinarju tal-amministrazzjoni fir-rigward ta' proprjeta` li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti li fiha l-konvenuta Christine Micallef hija kompartecipi.

Ghaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti illi f'dan il-kaz, galadarba l-obbligazzjoni kkuntrattata favur l-attur torbot lill-komunjoni tal-akkwisti, tezisti rabta guridika palezi bejn l-istess attur u l-konvenuta Christine Micallef bhala kompartecipi f'dik il-komunjoni, liema rabta guridika twassal lill-Qorti biex tikkonkludi illi l-konvenuta hija legittima kontradittrici tat-talba attrici f'din il-kawza.

Ghall-kompletezza, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi din ir-rabta guridika bejn il-konvenuta Christine Micallef u l-obbligazzjoni kuntrattata mal-attur, hija wkoll evidenti mill-atti li juru li l-konvenuta mhux biss kienet tkun prezenti waqt xi laqghat li saru mal-attur u ma' kuntratturi ohrajn, izda kienet tkun ikkupjata wkoll f'bosta mill-iskambji ta' korrispondenza li kien isir bejn il-partijiet kif ukoll mal-periti u kuntratturi l-ohra ingaggati fuq il-progett[15]. Fuq kollox, jirrizulta illi l-konvenuta kienet ikkupjata wkoll fil-korrispondenza li biha l-konvenut Karl Frederick Micallef baghat kopja tal-ftehim iffirmat minnu,

---

[13] Deciza 1 ta' Frar 2008.

[14] **1321.** (1) Il-beni kollha li l-miżżewġin ikollhom jew parti minnhom ikollha, jitqiesu li jagħmlu parti mill-akkwisti sakemm ma jkunx ippruvat xort'oħra.

[15] Ara fost ohrajn, fol. 111, 61-67, u 69.

lill-attur[16]. Anke harsa hafifa lejn il-korrispondenza kollha li kienet involuta fiha l-konvenuta Christine Micallef, ma jhalli ebda dubju illi l-konvenuta kienet involuta f'diskussjonijiet koncernanti diversi aspetti tas-servizzi prestati mill-attur u illi konsegwentement, kellha parti materjali fin-negozju li ta lok ghat-talba tal-attur ghall-hlas tas-servizzi tieghu. Dan huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, biex isawwar ir-relazzjoni guridika li hija mehtiega biex l-istess konvenuta titqies li hija l-legittima kontradittrici ghat-talba tal-attur.

Galadarba huwa stabbilit dan in-ness, jikkonsegwi illi l-istess konvenuta giet imharrka korrettement u illi l-attur ghandu d-dritt li jindirizza t-talba tieghu ghall-hlas fil-konfront tal-istess konvenuta. Il-konvenuta hija ghalhekk legittimu kontradittrici f'dawn il-proceduri u konsegwentement l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija infondata u qed tigi respinta.

**<u>Mertu</u>**

M'huwiex kontestat illi effettivament l-attur, li huwa inginier, gie ingaggat permezz ta' ftehim li gie ffirmat minnu u mill-konvenut Karl Frederick Micallef fit-12 ta' Novembru 2016, sabiex jaghti servizzi ta' konsulenza in konnessjoni mad-disinn tas-servizzi mekkanici u elettrici li kellhom jigu istallati gewwa l-villa fi Triq il-Hzejjen, Bidnija. Huwa evidenti illi r-relazzjoni bejn il-partijiet hija regolata proprju minn dan il-ftehim u m'huwiex kontestat illi skont kif maqbul f'dan il-ftehim, l-attur thallas depozitu fis-somma ta' €2,410.10 rapprezentanti 30% tal-valur tas-servizzi professjonali elenkati specifikatament fil-ftehim. Jidher li hemm qbil ukoll illi s-servizzi professjonali konsistenti f'*layout drawings* u *bills of quantities* tax-xogholijiet deskritti bhala *Sewage, waste water and rainwater drainage,* gew effettivament rezi u illi konsegwentement, huwa dovut lill-attur il-valur maqbul ghal dawn is-servizzi partikolari f'*lump sum* ta' €2,295.34 inkluz taxxa fuq il-valur mizjud (VAT).

[16] Dok. JM5, fol. 38.

Il-Qorti tifhem illi l-*vexatio quaestio* bejn il-partijiet jikkoncerna l-applikabbilita` o meno tal-klawsola kontenuta fil-paragrafu penultimu tal-ftehim[17], u jekk allura l-attur ghandux dritt jinvoka din il-klawsola u japplika r-rata ta' hlas hemm indikata, biex jitlob il-hlas ghal servizzi professjonali rezi lill-konvenuti b'zieda mal-*lump sum* diga` maqbul ghal kull partita ta' xoghol kif deskritt fil-ftehim. Din il-klawsola tghid hekk:-

*"Any other services, such as attendance of meetings, correspondence, coordination with contractors, adjudication of offers, site supervision, re-design of services, works measurement certification etc, will be charged at the rate of €48.63 per hour, excluding 18% Value Added Tax. All quoted rates and prices are applicable for work carried out during 2016, and subject to revision thereafter. The hourly rate applicable during 2017 shall be €51.06 + VAT."*

L-attur jikkontendi ulterjorment li l-konvenuti tterminaw minghajr raguni valida l-appalt lilu moghti u konsegwentement jitlob il-hlas ta' kumpens ghat-telf minnu soffert, a tenur tal-Artiklu 1640 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel lok, l-attur qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' €9,173.21 skont *fee note* datata 9 ta' Dicembru 2017, u l-hlas tas-somma ta' €858.58 skont *fee note* datat 14 ta' Mejju 2018, entrambi somom rapprezentanti drittijiet professjonali ghas-servizzi professjonali li huwa jikkontendi li gew rezi addizzjonalment ghal dawk li dwarhom il-partijiet ftiehmu ghall-hlas ta' *lump sum*. L-attur, fir-rigward, jistrieh fuq il-klawsola fuq riprodotta u l-hlas qed jintalab ghal servizzi li gew rezi minnu bejn Frar u Dicembru 2017 bl-applikazzjoni tar-rata hemm indikata ta' €51.06 fis-siegha pju` VAT.

Il-konvenuti, da parti taghhom, jaccettaw li huma qablu li jiffirmaw il-ftehim bl-istipolazzjoni dwar il-hlas ta' *hourly rate* ghal servizzi addizzjonali kif

[17] Fol. 13.

imsemmi fil-klawsola in dizamina. Izda, jinsistu illi huma ghamlu hekk unikament ghaliex meta talbu lill-attur biex ifissrilhom f'liema cirkostanzi kellu jiskatta l-obbligu tal-hlas ta' *hourly rate* (galadarba l-ftehim kien ghall-hlas ta' *lump sum*), huwa kien rassigurahom illi l-istipolazzjoni in kwistjoni tkun tapplika biss fl-eventwalita ta' tibdil magguri fil-progett u illi fil-kaz taghhom, galadarba l-pjanijiet kienu diga` mfassla sew, x'aktarx li din ir-rata ma tkun applikabbli. Jikkontendu wkoll illi l-*lump sum* miftiehem ghas-servizzi professjonali b'rabta ma' kull partita ta' xoghol elenkat fil-ftehim, kellu jkopri s-servizzi kollha rezi mill-attur u li ghalilhom qed jitlob il-hlas, ghaliex dawn is-servizzi huma parti integrali mill-konsulenza li l-attur gie ingaggat jipprovdi skont il-ftehim.

Ikkunsidrat;

Illi minnufih ghandu jigi osservat illi l-ftehim gie ffirmat miz-zewg partijiet bl-inkluzjoni tal-klawsola fuq imsemmija u ghaldaqstant ma jista' jkun hemm ebda dubju li din tifforma parti mill-patt konvenzjonali li jorbot liz-zewg partijiet kontraenti. U galadarba jirrizulta li hemm konvenzjoni, din ghandha tigi osservata ghaliex hija l-espressjoni manifesta tal-volonta` tal-partijiet: *pacta sunt servanda*. Kif inhuwa ritenut b'mod pacifiku fil-gurisprudenza tal-qrati taghna, il-principju fondamentali u regolamentari fil-ligi tal-kuntratti:-

"*jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda.*" [18]

Dan il-principju, oltre li huwa wiehed kardinali fil-ligi kuntrattwali, huwa wkoll kuncett universali li jirregola l-ordni legali internazzjonali tant illi jinsab assodat fis-sistemi legali kollha u gie kodifikat ukoll fil-ligi internazzjonali fl-Artikolu

[18] Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru, 1998 – **Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines**

26 tal-*Vienna Convention on the Law of Treaties*[19]. Fis-sistema guridika Maltija, dan il-kuncett huwa inkorporat fl-Artikolu 992 tal-Kodici Civili, filwaqt illi l-principji regolanti in materja, li gew konsistentement enuncjati u ribaditi mill-Qrati taghna, huma dawk li gew imfissrin u elenkati elokwentement mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri**[20]:-

*"i) "F'materja kontrattwali* ***l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti*** *(Art. 992 (1) Kodici Civili ...*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li* ***meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni*** *(Vol.XXXIV.i.p27) fejn inghad li "****l-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji****, specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. ... Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun, jista' biss jigi nterpretat b'mod univoku ghax hu car.* ***Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha*** *u dan irid jidher mill-pattijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien ...*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni, mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "****hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot*** *..."* [enfasi ta' din il-Qorti]

Huwa relevanti in tema wkoll il-principju tal-*buona fede* fl-ezekuzzjoni tal-kuntratti, li huwa kuncett li jsib il-fondament tieghu fil-principji ta' gustizzja, ragjonevolezza u onesta` u, bhall-principju ta' *pacta sunt servanda,* jikkostitwixxi wkoll principju kardinali tal-ligi kontrattwali li jinsab manifestat fl-Artikolu 993 tal-Kodici Civili. Dan jehtieg illi t-termini kontrattwali li jkunu

[19]Artikolu 26: "Pacta Sunt Servanda": *Every treaty in force is binding upon the parties to it and must be performed by them in good faith.*

[20] Deciza nhar id-29 ta' Marzu 2012.

gew pattwiti bejn il-partijiet, jigu rispettati u onorati u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni.

Ikkunsidrat;

Fil-fehma tal-Qorti, huwa manifest minn qari semplici u oggettiv tal-ftehim illi kull *lump sum* rapprezentanti l-valur tas-servizzi elenkati[21] fit-tieni pagna tal-ftehim, ikopri specifikatament u unikament "*the provision of layout drawings and bills of quantities covering the services*". B'dan il-Qorti tifhem illi l-hlas ghal kull servizz professjonali iehor li l-attur jigi inkarigat u effettivament jipprovdi, liema servizz imur oltre l-provvizjoni ta' *layout drawings* u ta' *bills of quantities*, huwa regolat bil-klawsola invokata mill-attur, citata iktar qabel. Din, effettivament, tistipola illi "***Any other services, such as** attendance of meetings, correspondence, coordination with contractors…"*[22] jithallsu bl-applikazzjoni tar-rati fis-siegha hemm indikati. Din il-klawsola ma fiha ebda rizerva li tillimita l-iskop tas-servizzi li ghalihom tapplika r-rata u certament, ma jirrizultax illi s-servizzi milquta minn din ir-rata fis-siegha jridu jkunu servizzi li jirrelataw ma' xi tibdil fil-pjanti jew ma' xogholijiet addizzjonali. Effettivament, fil-ftehim ma jirrizultax lanqas li hemm xi limitu ghall-valur tal-konsulenza jew li jrid ikun hemm xi rabta bejn il-valur tax-xogħol li ghalihom gie miftiehem *lump sum* u l-valur tal-konsulenza.

Huwa wkoll daqstant evidenti illi l-appalt moghti lill-attur ma kienx limitat ghas-servizzi koperti bil-hlas ta' *lump sum*, ghaliex il-ftehim jaghmilha car illi f'kaz li l-klient jirrekjedi servizzi li jmorru oltre x-xogholijiet li kellhom jithallsu b'*lump sum* - fosthom konsulenza fuq aspetti ohrajn tal-progett,

[21] *Electric and power lighting; Extra Low Voltage Services; Photovoltaic panel installation; Domestic cold and hot water services; Second class water service; Sewage, waste water and rainwater drainage*.
[22] Enfasi tal-Qorti.

inkontri fuq is-sit u postijiet ohrajn - hemm rata ohra applikabbli ghal dawn is-servizzi.

B'applikazzjoni tal-insenjament fuq riprodott u minn qari tal-pattijiet kollha tal-ftehim, mehudin flimkien, hija l-fehma tal-Qorti li l-kliem tal-konvenzjoni bejn i-partijiet, huwa inekwivoku u ma jezisiti ebda dubju kwalsiasi dwar it-tifsira u l-iskop tal-applikazzjoni tal-klawsola in kontenzjoni. Konsegwentement, ma hemm ebda lok ghal xi interpretazzjoni li tmur lil hinn mill-kliem car u univoku tal-konvenzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis illi l-argoment tal-konvenuti illi huma nghataw xi rassigurazzjoni mill-attur li ma kienx sejjer japplika l-klawsola in kwistjoni u ma kienx sejjer jippretendi hlas ghal servizzi professjonali li ma jaqghux fl-iskop limitat tas-servizzi koperti bil-*lump sum,* ukoll ma jregix.

Da parti tieghu, l-attur jichad illi huwa ta xi rassigurazzjoni lill-konvenuti li ma kienx sejjer japplika din il-klawsola fil-kaz taghhom, u jichad ukoll li huwa kien qalilhom li l-hlas ghal servizzi professjonali tieghu bir-rata fis-siegha, ikun dovut biss f'każ ta' tibdil sostanzjali fil-proġett. Ghall-kuntrarju, huwa jghid illi wara li kien iddiskuta l-ftehim mal-konvenut, kien ha ħsieb jemenda d-dokument originali bi ftehim ġdid li jirrifletti dak li finalment qablu bejniethom il-partijiet u dan wara li elimina dawk is-servizzi skont kif talbu l-konvenut.

Il-Qorti tosserva illi, kif inhuwa risaput in materja, tezisti presunzjoni favur in-non-gratuwita` tal-prestazzjoni tas-servigi[23], u b'mod generali, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li

[23] **Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et**, deciza fis-6 ta' Ottubru 1954 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Vol. XXXVIII.ii.568).

jigi retribwit. Dan in omagg principju illi *omnia labor, optat premium*[24]. Biex titwaqqa' l-presunzjoni li servigi nghataw bi speranza ta' kumpens, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' din il-presunzjoni billi juri b'mod konvincenti li l-intenzjoni tar-remunerazzjoni kienet eskluza u illi s-servizz ma setax gie prestat hlief gratuwitament.

Izda f'dan il-kaz ma hemm lok ta' ebda prova biex titwaqqa' din il-presunzjoni ghaliex l-intenzjoni tal-attur li jithallas tas-servizzi in kontestazzjoni, tinsab konkretizzata fil-klawsola in dizamina tal-ftehim iffirmat miz-zewg partijiet. Kif rajna, il-gurisprudenza assodata in materja tghallem illi dak li kellu f'mohhu biss kontraent wiehed, ma huwiex bizzejjed biex tinghata interpretazzjoni differenti ghall-kliem car tal-konvenzjoni, u f'dan il-kaz huwa manifest li l-attur ma kellu ebda intenzjoni li jaghti tifsira differenti ghall-klawsola in dizamina.

F'kull kaz, huwa risaput illi l-principju ta' interpretazzjoni ta' kuntratti '*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non fertur',* jinsab ferm assodat fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Dan ifisser illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga` car[25] u l-kontraenti ma jistghux jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt[26].

Il-konvenuti jghidu wkoll illi l-attur ma riedx ihassar il-klawsola in dizamina. Izda ghalkemm huma jghidu li talbu kjarifika minghand l-attur dwar l-applikazzjoni ta' din il-klawsola, ma jirrizultax li kienu impediti b'xi mod milli jesigu li r-rassigurazzjoni li allegatament inghatalhom mill-attur – cioe` li l-klawsola ma tapplikax hlief f'kaz ta' servizzi li jinghataw f'kaz ta' tibdil sostanzjali fil-pjanti jew xogholijiet addizzjonali mizjud wara, jew f'kazijiet

---

[24] **Nutar Dr Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Limited et**, Qorti tal-Appell (Inf) 20 ta' Novembru 2009. Ara wkoll: – **Albert Calleja vs Direttur Generali tal-Qorti**, deciza Qorti tal-Appell (Inf), 6 ta' April 2005.
[25] **Joseph Gatt vs Joseph Galea**, Appell Civili, deciz fl-14 ta' April 1975.
[26] **Gemma Fenech vs. John Bugeja** – Appell deciz fl-20 ta' Ottubru 2003.

eccezzjonali - tigi manifestata espressament fid-dokument li ntbaghtilhom fit-12 ta' Novembru 2016.

Il-Qorti tistenna li kieku l-konvenuti ma qablux mal-ftehim kif propost, ma jiffirmawx il-ftehim kontenenti klawsoli li huma qed jghidu li ma riedux li jigu applikati fil-konfront taghhom, u tistenna wkoll illi hekk kif kienu kkomunikaw mal-attur biex jelimina xi servizzi mill-ftehim originarjament propost u talbuh jibghat ftehim rivedut, daqstant iehor ukoll, allura, messhom esigew it-tnehhija ta' din il-klawsola mill-iskop tal-ftehim jew *de minimis* li din tigi emendata. Izda dan ma ghamluhx. *Multo magis* meta huwa evidenti li din il-klawsola kienet diga` inkluza fid-dokument inizzjalment mibghut mill-attur lill-konvenuti ghall-konsiderazzjoni taghhom.

Fil-fehma tal-Qorti, il-korollarju inevitabbli ta' dan huwa li l-konvenuti ffirmaw il-ftehim datat 12 ta' Novembru 2016 bil-konoxxenza u accettazzjoni pjena ta' dan il-patt konvenzjonali[27]. Wara kollox, hi presunzjoni "*loġika u ġuridika*"[28] li meta l-partijiet jkunu ftiehmu li jinkorporaw ftehim ta' bejniethom f'kitba, huma jkunu nizzlu bil-kitba fl-iskrittura relattiva dak kollu li jkunu ftiehmu fuqu.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Clive Simpson noe vs John Saliba noe**[29], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk in propositu:-

"*... huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba, inatteż id-diskussjonijiet u kif dawn żvolgew.*
*Hu preżunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara* ***Frendo vs. Caruana****, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-*

[27] Fix-xhieda tieghu, il-konvenut ikkonferma illi l-ftehim Dok. JM6 (fol. 41, 42) huwa kien ircevieh permezz ta' email, emendah, iffirmah u baghat scanned copy lill-attur, u sussegwentement baghtlu cheque ta' 30% tat-total.
[28] **Aquilina noe vs Portelli**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru 2005.
[29] Deciza fit-22 ta' Gunju 2004.

*Appell (Sede Inferjuri) fit-28 ta' Jannar, 1999). Kwindi, fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħom il-partijiet (ara* **Brincat vs. Saliba***, deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru 1983).*"

Kif gie ritenut ukoll mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Francis Paris et vs Maltacom plc**[30]:-

"*Dan hu konformi mal-principju li darba bejn il-partijiet hemm ftehim li jirregola r-relazzjonijiet ta' bejniethom, hu prezunt li qabel ma iffirmaw dak il-ftehim qiesu c-cirkustanzi tal-kaz u l-interessi taghhom, u allura darba iffirmaw il-kuntratt, huwa dak il-kuntratt li jissanzjona r-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti, u mhux xi principju iehor, ancorche' bazat fuq l-ekwita'. Il-principju tar-rispett ghal volonta' tal-partijiet huwa wiehed fondamentali u dak li ftehmu fuqu il-partijiet ghandu "forza ta' ligi" ghalihom (artikolu 992 tal-Kodici Civili), u l-Qorti m'ghandhiex tuza d-diskrezzjoni taghha biex tissostitwixxi ghal dak li ftehmu l-partijiet il-volonta' taghha.*"

Ikkunsidrat;

Ghall-Qorti huwa evidenti li s-servizzi li taghhom l-attur qed jitlob il-hlas fil-*fee notes* tad-9 ta' Dicembru 2017[31] u tal-14 ta' Mejju 2018[32], imorru ferm oltre l-provvizjoni ta' *layout drawings* u *bills of quantities*. Maghdud dan il-fatt li jirrizulta wkoll li dawn is-servizzi lkoll jinkwadraw bhala servizzi li ghalihom huwa dovut hlas b'rata fis-siegha, skont kif imfisser fil-klawsola in kontestazzjoni. Il-Qorti fliet id-dokumenti esebiti mill-attur, bhalma fliet ukoll ix-xhieda tal-partijiet, u fehmet illi li l-attur kien involut f'diversi servizzi li ma kienux jaqghu fl-iskop tal-konsulenza espressament pattwita permezz ta' hlas ta' *lump sum*, liema servizzi, li ghalihom qed jitlob hlas bir-rata fis-siegha, jinkludu diversi aspetti tal-progett ta' kostruzzjoni, u ma kienux marbutin limitatament mas-sistema tad-drenagg.

[30] Deciza 7 ta' Ottubru 2004.
[31] Dok. JM7.
[32] Dok. JM9.

Il-prestazzjoni ta’ dawn is-servizzi tinsab ampjament evidenzjata mid-dokumenti annessi mal-Affidavit tal-attur, konsistenti f’ghadd sostanzjali ta’ korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, u bejn l-attur u l-periti u kuntratturi lkoll involuti fil-progett tal-kostruzzjoni. Din il-korrispondenza tikkostitwixxi wkoll prova fiha nnifisha tad-diversi laqghat u tal-ko-ordinazzjoni li kienet qed tinzamm bejn l-attur u l-periti u kuntratturi l-ohra li kienu qed jahdmu fuq il-progett, b’mod partikolari rigward il-pixxina (*swimming pool*), tqeghid ta’ katusi, u l-livelli tas-saqaf tas-sottoterran minhabba s-saff ta’ konkrit li tqieghed fuq il-membrane.

Fir-rigward tal-pixxina li kellha tinbena fil-fond tal-konvenuti, huwa ppruvat illi effettivament, l-attur kien qed jigi konsultat mill-periti inkarigati mill-progett dwar dettalji relatati mal-kostruzzjoni tal-pixxina, liema konsulenza ma kienetx prospettata specifikatament mill-ftehim konkluz bejn il-partijiet. B’zieda ma’ dan, m’huwiex kontestat mill-konvenuti illi nghatat konsulenza mill-attur anke dwar *air-conditioning* u *underfloor heating* li wkoll ma kienux previsti fil-progett originali.

Ix-xiehda li tressqu mill-attur ilkoll jikkonfermaw illi l-attur kien ikun prezenti fuq il-lant tax-xoghol biex jissorvelja x-xogholijiet li kienu qed isiru, u kien disponibbli biex jaghti l-konsulenza tieghu kull meta kien mehtieg. Jirrizulta wkoll li l-attur kien effettivament kejjel u certifika x-xoghol tal-kuntratturi ingaggati mill-konvenuti sabiex dawn jistghu johorgu l-kont tax-xoghol taghhom.

**Illi ghalkemm dawn is-servizzi konsistenti f’laqghat, ko-ordinazzjoni, kejl u konsulenza fuq servizzi ohrajn, ma kienux inkluzi specfikatament fl-iskop tad-drittijiet professjonali miftiehem bil-quddiem permezz ta’ *lump sum,* il-ftehim innifsu jipprevedi li kienu mehtiega, tant illi gie miftiehem rata ghall-hlas fis-siegha biex l-attur ikun jista’ jirreklama l-hlas dovut.**

**Ghall-Qorti hu ovvju illi galadarba dawn is-servizzi m'humiex inkluzi fl-elenku tas-servizzi li ghall-prestazzjoni taghhom gie miftiehem hlas ta'** ***lump sum*****, huwa dovut hlas b'rata fis-siegha bl-applikazzjoni tal-klawsola in kontestazzjoni.**

Ikkunsidrat;

Illi in sostenn tas-servizzi rezi mill-attur u li ghalihom qed jippretendi l-hlas skont il-*fee note*s tad-9 ta' Dicembru 2017 u tal-14 ta' Mejju 2018, l-istess attur esebixxa prospett[33] tal-ammont ta' sighat mahdumin b'rabta mal-hlas pretiz skont ir-rata fis-siegha, sostanzjat b'*timesheets* dettaljati[34] kontenenti deskrizzjoni cara tas-servizzi u l-hin ta' kull prestazzjoni. Il-Qorti tosserva illi s-servizzi professjonali addizzjonali rezi mill-attur lil hinn mis-servizzi miftiehma specifikatament fil-ftehim bil-hlas ta' *lump sum*, gew prestati fuq medja ta' 15-il siegha fix-xahar, bl-ikbar ammont ta' sighat li l-attur iddedika f'xahar wiehed, ikun ta' 39.25 siegha, li huwa ftit inqas mill-ammont ta' sighat tax-xoghol li jinhadmu f'gimgha wahda biss ta' impieg *full-time*.

Il-Qorti qajla tista' tifhem kif il-konvenuti ppretendew illi ma kienux ser isiru laqghat fuq il-post, skambju ta' korrispondenza u *support services* mill-inginier lill-kuntratturi waqt l-ezekuzzjoni tal-progett u fil-fehma taghha, l-ammont ta' sighat mahdumin mill-attur huwa wiehed li kellu jkun facilment mistenni fic-cirkostanzi.

Huwa ferm sinjifikanti wkoll illi l-konvenuti ma jikkonstestawx il-fatt illi s-servizzi indikati fit-*timesheets* Dok. JM10 gew effettivament rezi mill-attur. Kif rajna, il-kontestazzjoni taghhom dwar il-hlas tal-fattura tad-9 ta' Dicembru 2017 u tal-14 ta' Mejju 2018, tikkonsisti esklussivament fl-argoment illi huma gew assigurati mill-attur li fil-kaz taghhom din ir-rata addizzjonali ma kienetx

[33] Dok. JM7, fol. 43.
[34] Dok. JM10, fol 46, 47.

sejra tigi applikata u f'kull kaz is-servizzi indikati mill-attur kienu parti integrali mis-servizzi ta' konsulenza li ghalihom gie miftiehem *lump sum*. Izda kif diga` stabbilit, dan l-argument mhux tajjeb u ma jistax iregi fid-dawl ta' dak li gie miftiehem fid-dokument iffirmat mill-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi mill-atti jirrizulta illi oltre ghad-drittijiet professjonali dovuti b'applikazzjoni tar-rata fis-siegha skont il-*fee notes* Dok. JM7 u JM9, fl-ammont totali ta' €10,031.79, ghadhom mhux imhallsin lanqas id-drittijiet fis-somma ta' €2,295.34 rapprezentanti l-*lump sum* miftiehem ghall-provvizjoni tal-*layout design* u *bills of quantity* relattivament ghas-*Sewage & Rainwater Drainage package*. Il-Qorti ma ghandhiex dubju li dawn id-drittijiet huma dovuti ghaliex effettivament il-konvenuti ma jikkontestawx illi dawn is-servizzi twettqu *in toto*, oltre li jirrizulta wkoll mill-atti illi l-attur hejja wkoll il-*bill of quantities* relattivament ghal dan ix-xoghol[35].

B'applikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet gia` maghmulin, il-Qorti tqis illi galadarba jirrizulta li dawn id-drittijiet huma tassew dovuti skont it-termini tal-ftehim, ghandhom jithallsu b'zieda mal-ammont dovut b'applikazzjoni tar-rata fis-siegha ghax-xoghol addizzjonali skont il-klawsola penultima tal-ftehim konkluz bejn il-partijiet.

Madanakollu, il-konvenuti jikkontendu illi huma hallsu lill-attur id-depozitu fuq il-*lump sum* rapprezentanti d-drittijiet fuq ix-xogholijiet kollha maqbula specifikatament fil-ftehim, fis-somma ta' €2,410.10, liema depozitu effettivament jeccedi s-somma pretiza mill-attur ghas-*Sewage, Rain water and drainage package*. Permezz tat-tlettax-il eccezzjoni fir-Risposta taghhom, il-konvenuti jippretendu li jigu rifuzi d-differenza bejn id-drittijiet fis-somma ta'

[35] Vide fol. 101, 102.

€2,295.34 u d-depozitu minnhom imhallas lill-attur, u dan fis-somma ta' €114.76.

Il-Qorti tosserva illi effettivament, l-attur jaccetta illi ghandha titnaqqas din is-somma rapprezentanti d-differenza bejn id-depozitu mhallas u l-*fee note* tad-9 ta' Dicembru 2017, ghaliex is-somma minnu pretiza fir-Rikors promotur kwantu drittijiet professsjonali ghal *engineering consultancy services*, hija ta' €9,917.03 li evidentement jikkonsisti fit-total tad-drittijiet dovuti bl-applikazzjoni tar-rata fis-siegha (€10,031.79[36]) wara li titnaqqas l-imsemmija differenza fis-somma ta' €114.76.

Ikkunsidrat;

Oltre ghas-somma ta' €9,917.03, l-attur jitlob ukoll, fir-Rikors promotur, il-likwidazzjoni u hlas ta' ammont rapprezentanti t-telf minnu soffert bhala rizultat tat-terminazzjoni tal-appalt, liema terminazzjoni huwa jsostni li ma saritx minhabba raguni valida.

Il-konvenuti jilqghu ghal din it-talba billi fil-hdax-il eccezzjoni fir-Risposta taghhom, huma jikkontendu illi kien l-attur innifsu li ddecieda unilateralment li jittermina l-ingaggjament tieghu.

L-effetti tat-teminazzjoni tal-kuntratt ta' appalt jinsabu regolati mill-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili li jipprovdi illi min jaghti x-xoghol jista' jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga` beda[37].

Il-Qorti tibda billi tosserva illi din id-dispozizzjoni tal-ligi hija deroga ghall-principju bazilari tal-ligi tal-kuntratti illi f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda wahda mill-partijiet ma tista' unilateralment tiddeciedi li tholl rabta

[36] It-total tal-fee note Dok. JM7 (€9,173.21) u l-fee note Dok. JM9 (€858.58).
[37] Artioklu 1640(1) tal-Kap. 16.

kuntrattwali maghmula ma' parti ohra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, izda, il-ligi trid li min jaghti x-xoghol, cioe` l-appaltant, jista' jaghzel li jholl il-kuntratt meta jrid, tant illi l-ligi tippermetti espressament li l-hall jista' isir anke jekk ix-xoghol ikun inbeda diga`. B'zieda ma' dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b'kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta' ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-ghazla jkollha effett minnufih malli jinghata avviz lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment[38].

In propositu intqal hekk:-

"*Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che* ***si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera****, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento.*"[39] [enfasi ta' din il-Qorti]

Illi madankollu, f'kaz bhal dan, hija relevanti ferm ir-raguni ghaliex il-kommittent jaghmel ghazla bhal din, u dan ghaliex jekk ikollu raguni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent ikun obbligat biss li jhallas lill-appaltatur somma rapprezentanti l-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jittiehed qies tal-utilita` taghhom lill-kommittent kif ukoll id-danni li jkun soffra l-istess kommittent. Izda jekk, d'altronde, il-kommittent ma jkollux raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid ihallas lill-appaltatur somma li ma teccedix l-ispejjez kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xoghol moghti, **flimkien ma' somma ohra skont kif prospettat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili**:-

[38] Artikolu 1640(5) tal-Kap. 16.
[39] Cassazione **14.6.1972** no. 1870, citata f'**Cutajar Construction Limited vs Gregoire**, Appell Civili, deciza 29 ta' Marzu 2019.

*(2) Jekk ma jkunx hemm raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, min jagħti x-xogħol għandu jħallas biss lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.*

Ghaldaqstant, ghad-determinazzjoni dwar jekk l-attur ghandux dritt illi jirreklama l-hlas ta' kumpens ghat-telf allegatament soffert minhabba t-terminazzjoni unilaterali tal-appalt, il-Qorti trid tistharreg qabel xejn (i) min mill-partijiet effettivament ittermina l-appalt, u (ii) jekk jirrizulta li l-appalt inhall mill-konvenuti appaltanti, jekk huma kellhomx fic-cirkostanzi, raguni valida sabiex jaghmlu dan, ghaliex fin-nuqqas, ikunu obbligati taht l-Artikolu 1640(2), fuq riprodott.

Illi in materja gie ritenut hekk:-

"*29. Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt.* ***"Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu"***.[40] *Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;*

*30. Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent.*"[41]

[40] Enfasi ta' din il-Qorti.

[41] **Cutajar Construction Limited vs. Pierre P. Gregoire**., *supra.*

Ikkunsidrat;

L-attur isostni illi l-konvenuti tterminaw unilateralment l-appalt lilu moghti minghajr raguni valida meta huma rrifjutaw li jħallsu d-drittijiet professjonali lilu dovuti u ingaggaw minfloku terzi persuni sabiex jaghtu s-servizzi li kienu originarjament appaltati lilu. Fix-xhieda tieghu, l-attur fisser illi kien fid-19 ta' Frar 2018 li huwa sar jaf li l-konvenut kien ikkuntratta żewġ inġiniera oħra biex ikomplu il-proġett minfloku u dan bir-rizultat li huwa gie mċaħħad milli jwettaq dak ix-xogħol li kien ġie appaltat lilu. L-attur jghid li ma kienux hu li ttermina l-appalt ghaliex meta baqa' ma ntlahaqx ftehim mal-konvenut dwar il-hlas tal-*fee note* tieghu tad-9 ta' Dicembru 2017 rapprezentanti d-drittijiet professjonali skont ir-rata fis-siegha, huwa kien infurma lill-istess konvenut li kien qieghed **jissospendi** s-servizzi tieghu u li kien ser joħroġlu l-kont għall-hlas tad-drittijiet professjonali tiegħu li jkopri d-disinn tas-sistema tad-drenaġġ taħt l-ewwel fażi tal-konsulenza[42]. L-attur jinsisti li huwa kien ghadu dispost li jkompli jipprovdi s-servizzi tieghu galadarba jintlahaq ftehim dwar il-hlas tal-*fee note* tad-9 ta' Dicembru 2017.

Da parti tieghu, il-konvenut Karl Frederick Micallef jikkontendi li kien l-attur li ttermina l-inkarigu tieghu ghaliex huwa ma baqax jippresta s-servizzi tieghu. Kemm hu hekk, huwa jghid li l-attur ipparalizza l-progett ghal hames xhur shah u kien proprju ghal din ir-raguni li huwa kellu jingaggja inginiera ohrajn biex ikomplu bix-xogholijiet.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat l-ittra mibghuta mill-attur lill-konvenut datata 27 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha l-attur ikkonceda lill-konvenut terminu ta' ghaxart ijiem biex jeffettwa l-hlas tas-somma ta' €9,058.45. Gharrfu wkoll li fin-nuqqas ta' hlas

[42] Dok. JM8.

ta' dan l-ammont jew talanqas ta' accettazzjoni tad-debitu entro dan it-terminu, kien sejjer jipprocedi sabiex jirregistra d-dettalji tal-konvenut mas-socjeta` Creditinfo Malta Limited, liema socjeta` giet ikkuppjata bl-ittra in dizamina u effettivament irregistrat dawn id-dettalji fid-*database* taghha[43].

Rat ukoll id-dokumentazzjoni koncernanti l-ilment registrat mill-konvenut mal-Ethics Committee tal-Kamra tal-Inginiera[44] fejn jirrizulta li filwaqt illi l-konvenut talab lill-Kumitat sabiex jigi awtorizzat jingagga inginier iehor, l-attur accetta li huwa ssospenda s-servizzi tieghu ta' konsulenza. Jirrizulta wkoll illi l-Kumitat effettivament awtorizza lill-konvenut jingagga inginier iehor fuq il-progett u dan proprju wara li gie osservat mill-istess Kumitat illi l-attur iddikjara li huwa ma joggezzjonax li inginier iehor jigi hekk ingaggat, b'rizerva ghall-hlas tad-drittijiet tieghu fuq xogholijiet diga` ezegwiti.

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li huwa minnu illi l-attur issospenda s-servizzi tieghu u konsegwentement ma baqghux jinghataw servizzi ta' konsulenza ta' inginerija fuq il-progett, hu daqstant minnu illi din id-decizjoni ttiehdet wara r-rifjut tal-konvenut kommittent li jonora l-ftehim ghall-hlas. Kif diga` stabbilit, dan ir-rifjut tal-konvenut li jhallas id-drittijiet professjonali skont ir-rata fis-siegha, ma kienx wiehed gustifikat u ghaldaqstant fil-waqt illi l-Qorti tista' tifhem illi s-sospensjoni tas-servizzi da parti tal-attur holqot sitwazzjoni fejn il-konvenut seta' kien kostrett jingagga inginier iehor biex ikun jista' jkompli jwettaq il-progett tal-kostruzzjoni tar-residenza tieghu, b'daqshekk id-decizjoni tal-attur li jissospendi s-servizzi tieghu ma tistax titqies bhala l-hall tal-appalt. Ghall-kuntrarju, fil-fehma tal-Qorti, hija d-decizjoni unilaterali u ingusta tal-konvenut li jirrifjuta l-hlas minflok iwettaq l-obbligi tieghu taht il-ftehim tal-appalt, li wassal ghall-hall tal-appalt, **liema hall, fil-fehma tal-Qorti, hija manifestata fit-talba ghall-ingaggar ta' inginiera ohrajn biex jaghmlu minflok l-attur, ix-xogholijiet li kienu originarjament appaltati lilu**.

[43] Dok. CI, fol. 159, datata 17 ta' Jannar 2018.
[44] Dokumenti esebiti mill-konvenut bhala Dok. NZ, fol. 160 – 163.

Ghaldaqstant, is-sospensjoni tas-servizzi tal-attur ghandha titqies biss bhala l-effett ta' din id-decizjoni ingusta tal-konvenut, u certament mhux bhala d-decizjoni ghall-hall tal-appalt.

Ghalkemm huwa diga` stabbilit illi t-terminazzjoni tal-kuntratt tal-appalt saret bir-rifjut tal-konvenut li jhallas id-drittijiet dovuti lill-attur skont il-kuntratt u bit-talba tieghu ghall-ingaggjar ta' inginiera ohrajn, f'kull kaz, u bl-applikazzjoni tal-insenjament guridiku in materja, il-Qorti ma tirravvizax fl-imgieba tal-attur waqt l-ezekuzzjoni tas-servizzi lilu appaltati, xi nuqqas li jista' jikkostitwixxi xi raguni tajba ghal dan ir-rijfut ta' hlas da parti tal-konvenuti. Effettivament, **ma saret l-ebda allegazzjoni kwalsiasi da parti tal-konvenuti li l-attur ta xi xogħol ħażin jew mhux skont l-istruzzjonijiet moghtija lilu, jew li kien hemm xi dewmien fl-ghoti tas-servizzi tieghu**. Bla dubju, id-decizjoni tal-attur li jissospendi s-servizzi tieghu kienet wahda gustifikata u legittima fic-cirkostanzi u l-Qorti ma tistennix li, f'sitwazzjoni fejn l-appaltatur jigi mcahhad ingustament mill-hlas tax-xogholijiet lilu appaltati, ghandu jigi kostrett ikompli jirrendi servizzi ohrajn li jaf li mhux ser jithallas taghhom, qabel effettivament jithallas.

Il-korollarju ta' dan kollu huwa illi t-terminazzjoni tal-appalt mill-konvenuti ma saritx ghal raguni tajba u konsegwentement isibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1640(2) tal-Kap. 16. Dan ifisser li l-Qorti trid tghaddi biex tillikwida l-kumpens dovut lill-attur ghat-telf li soffra bit-terminazzjoni unilaterali tal-appalt da parti tal-konvenuti.

L-imsemmi Artikolu 1640(2) kif rajna, jistipola illi l-kommitent li jittermina l-appalt minghajr raguni valida, ghandu jaghti lill-appaltatur l-ispejjeż kollha u x-xogħol kollu tiegħu flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qliegħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt. Diga` gie stabbilit illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attur id-drittijiet

professjonali kollha li ghadhom mhux imhallsin, u dan fl-ammont komplessiv ta' €9,917.03, izda kwantu ghas-somma l-ohra li ghandha tigi likwidata skont l-istess subinciz (2) tal-Artikolu 1640, il-Qorti ghandha setghat diskrezzjonali li tistabbilixxi l-*quantum* ta' din is-somma purche` ma teccedix il-qligh li l-attur seta' jaghmel skont il-ftehim ta' appalt.

Issa skont il-ftehim, gie maqbul illi inkluz fl-appalt kien hemm s-segwenti ix-xogholijiet li kellhom jitwettqu mill-attur versu l-hlas ta' *lump sum* miftiehem ghal kull partita ta' xoghol: il-provvizjoni ta' *layout drawings* u *bills of quantities* in konnessjoni ma' *electric and power lighting; extra low voltage services; photovoltaic panel installation; domestic cold and hot water services; second class water service; sewage, waste water and rainwater drainage*. Kif stabbilit, hemm qbil illi l-uniku wiehed minn dawn ix-xogholijiet li lahaq twettaq qabel it-terminazzjoni tal-appalt, kien dak konness mas-*sewage, waste water and rainwater drainage*, u ghalhekk l-attur seta' jipprevedi li kieku l-ftehim tal-appalt kelli jibqa' jigi ezegwit skont kif maqbul, huwa jithallas il-*lump sums* dovuti ghal kull wiehed mix-xogholijiet l-ohrajn elenkati. Is-somma komplessiva dovuta ghal dawn ix-xogholijiet, kieku l-attur ipprovda s-servizzi tieghu fir-rigward, kif del resto maqbul fil-ftehim, hija ta' €5,738.34[45], inkluz VAT.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, Noel Muscat l-accountant tal-attur, indika bhala persentagg il-qligh nett percepit mill-attur fuq it-total tad-drittijiet professjonali lilu mhallsin matul is-snin 2015, 2016 u 2017. Il-medja ta' dan il-persentagg rapprezentanti l-qligh maghmul mill-attur fuq id-drittijiet minnu percepiti matul dawn it-tliet snin, huwa ta' 56.44%. Is-somma ta' €5,738.34, ghad li hija l-*minimum* li l-attur seta' jipprevedi li jippercepixxi mill-ezekuzzjoni tal-ftehim tal-appalt, m'hijiex soggetta ghal ebda varjazzjoni ghaliex kif rajna, tirrapprezenta t-total tad-drittijiet stabbiliti bil-quddiem

[45] €1945.20+€486.30+€972.60+€972.60+€486.30, pju` 18% VAT.

permezz ta' *lump sum*. Dan ifisser illi l-qligh minimu izda konkret li l-attur seta' jaghmel bl-appalt mertu ta' dan il-kaz, huwa ta' €3,238.72[46].

Il-Qorti tqis illi anke jekk minhabba u bl-applikazzjoni tal-klawsola in kontestazzjoni, l-attur seta' jipprevedi li jaghmel ferm iktar qligh mill-ftehim tal-appalt kif miftiehem fil-kuntratt tat-12 ta' Novembru 2016 li kieku tħalla jkompli jesegwixxi l-appalt, fic-cirkostanzi m'hijiex serja tillikwida somma ulterjuri bhala kumpens ghall-finijiet tal-Artikolu 1640(2) tal-Kap. 16 u tqis illi s-somma ta' €3,238.52 - b'zieda mas-somma ta' €9,971.03 li tirrapprezenta x-xoghol kollu minnu mwettaq qabel it-terminazzjoni tal-appalt - tikkostitwixxi kumpens gust u ragjonevoli ghat-telf soffert mill-attur.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tilqa' t-tlettax-il eccezzjoni safejn hija kompatibbli ma' dan hawn deciz, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-istess attur is-somma komplessiva ta' tlettax-il elf mitejn u disa' Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€13,209.55) konsistenti kwantu ghas-somma ta' disat elef disa' mija u wiehed u sebghin Euro u tliet centezmi (€9,971.03) bilanc dovut ghall-prestazzjoni ta'** ***engineering consultancy services*** **lill-konvenuti, u kwantu ghas-somma ta' tliet elef mitejn u tmienja u tletin Ewro u tnejn u hamsin centezmu (€3,238.52), ammont dovut lill-istess attur b'rizultat tat-terminazzjoni tal-appalt mill-konvenuti minghajr raguni valida; bl-imghax (i) fuq is-somma ta' €9,971.03 mid-data tal-prezentata tar-Rikors promotur u (ii) fuq is-somma ta' €3,238.52 mid-data ta' din is-sentenza.**

---

[46] 56.44% ta' €5,738.34.

**L-ispejjez jithallsu mill-konvenuti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**